

**Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)**

13240/25

LIMITE

**CORLX 919
CFSP/PESC 1375
RELEX 1220
COEST 704
FIN 1113**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-
Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-
Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-
Ukrajna

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja
u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2012/642/oj>.

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (2) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Belarusja, jenħtieġ li żewġ persuni fiżiċi u tliet persuni ġuridiċi jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/642/PESK jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) il-persuni fiżiċi li ġejjin jiżdiedu fil-lista li tinsab fit-taqsimha “A. Persuni fiżiċi msemija fl-Artikoli 3(1) u 4(1)”:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
“313.	Ilya Valerievich IKAN	Ілля Валер'евіч ІКАН Илья Валерьевич ИКАН	Funzjoni: President ta' Belneftekhim, Membru tal- Kunsill tar-Repubblika tal- Assemblea Nazzjonali tar- Repubblika tal-Belarus Data tat-twelid: 10.1.1981 Post tat-twelid: Pchelnik, Borisov District, Minsk Region/Oblast, qabel USSR (issa Belarussja)	Ilya Ikan huwa l-President ta' Belarusian State Concern for Oil and Chemistry (Belneftekhim). Belneftekhim hija waħda mill-akbar kumpleksi industrijali tar-Repubblika tal- Belarus u tikkonsisti minn diversi kumpaniji oħra tal-Istat stabbiliti fl- 1997. Aliaksandr Lukashenko jgħid li Belneftekhim hija waħda mill-aktar entitajiet importanti u strateġiċi fil- Belarus.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- elenkar
			Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Belneftekhim	B'mod partikolari, Belneftekhim tirrappreżenta assi fundamentali għall-ekonomija u l-politika barranija tal-Belarussja, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn ir-Russja u l-Belarussja fl-iżvilupp ta' suq komuni taż-żejt. Isiru konsultazzjonijiet regolari bejn l-entità u l-President Lukashenka. Belneftekhim tibbenefika mill-appoġġ ipprovdut mir-reġim ta' Lukashenka, speċjalment fir-rigward tal-effetti tas-sanzjonijiet. Għaldaqstant, Belneftekhim qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. Billi jaġixxi bħala l-President ta' Belneftekhim, Ilya Ikan qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekkar	Data tal- elekkar
314.	Yuri Ivanovich PREDKO Magħruf ukoll bħala Yuriy Ivanovich PREDKO	Юрий Иванович ПРЕДКО	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' OJSC Horizont Data tat-twelid: 1964 Post tat-twelid: Belarus Nazżjonalità: Belarussu Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Horizont Holding, ICT Horizont	Yuri Predko huwa manixer ġenerali ta' OJSC “Management Company of the Holding Horizont”, li huwa wieħed mill- akbar manifatturi tal-elettronika tal- konsumatur u tal-apparati elettrodomestiċi fir-Repubblika tal- Belarussja. Hija l-kumpanija manixerjali ta' Horizont Holding. Horizont Holding hija waħda mill-akbar azjendi u waħda mill-aktar azjendi diversifikati li qed jiżviluppaw b'mod dinamiku fir-Repubblika tal-Belarussja, li tkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' negożju. L-attivitajiet ta' Horizont Holding qed jiġu implimentati fuq l- istruzzjonijiet ta' Aliaksandr Lukashenka.	+”;

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- eLENkar
				ICT Horizont, parti minn Horizont Holding, hija waħda mill-azjendi mexxejja fl-iżvilupp u l-produzzjoni tal-elettronika speċjali fir-Repubblika tal-Belarussja. Il-kumpanija tiżviluppa u tipproduċi oġġetti speċjali u b'użu doppju, pereżempju apparati tal-viżwalizzazzjoni tal-vidjo għal vetturi blindati. ICT Horizont tikkollabora mal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja fil-ħolqien u l-immodernizzar ta' mudelli ta' tagħmir għall-eżerċizzji tal-isparar f'konformità mar-rekwiżiti għat-taħriġ ta' formazzjonijiet u unitajiet militari tal-Forzi Armati.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- eLENkar
				Barra minn hekk, ICT Horizont tieħu sehem fil-programm xjentifiku-tekniku tal-Istat tal-Unjoni (ir-Russja u l-Belarussja) "Intelavto". Il-programm ġie approvat mill-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Belarussja. Għaldaqstant, Yuri Predko huwa assoċjat ma' entitajiet li jiffurmaw parti mill-kumpless militari- industrijali tal-Belarussja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp ta' teknoloġija u tagħmir militari”.	

(2) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-taqsima "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 4(1)":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
"56.	JSC Holography Industry ZAT Galagrafichnaya Industriya ZAO Golograficheskaya Industriya	Закрывае акцыянернае таварыства "ГАЛАГРАФІЧНАЯ ІНДУСТРЫЯ" Закрывое акцыянернае общество "ГОЛОГРАФИЧЕСКАЯ ИНДУСТРИЯ"	Indirizz: Kalinina 12, Minsk, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 101482057 Data tar-reġistrazzjoni: 7.5.1998 Tel: +375 266 01 31, +375 266 34 17 Posta elettronika: info@holography.by Web: www.holography.by	JSC Holography Industry hija l- produttur ewlieni Belarussu ta' ologrammi u kristallogrammi protettivi. Skont il-leġiżlazzjoni Belarussa, l-istikers olografiċi protettivi jitqiegħdu fuq it-timbri tas-sisa, inkluż it-timbri tas-sisa fuq ix-xorb alkoħoliku, firxa wiesgħa ta' prodotti għall- konsumatur, ir-reġistri tal-flus kontanti u l-islot machines. Dan joħloq domanda sinifikanti għall- prodotti ta' JSC Holography Industry.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				JSC Holography Industry għandha relazzjoni ta' ħidma mill-qrib ma' entitajiet statali, li wħud minnhom huma l-azzjonisti tagħha. Din ir-relazzjoni mill-qrib irriżultat, parzjalment, mill-fatt li l-eks sieħeb kummerċjali tal-fundatur tal-kumpanija ta ishma lill-Istat bħala rigal. Bħala rikonoxximent, l-Istat għamel ordnijiet mal-kumpanija. Għalhekk, JSC Holography Industry qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENKAR	Data tal- eLENKAR
57.	ICT Horizont magħrufa wkoll bħala Research Unitary Enterprise "INSTITUTE OF DIGITAL TELEVISION HORIZONT" magħrufa wkoll bħala DIGITAL TELEVISION INSTITUTE HORIZONT magħrufa wkoll bħala UE "Institute of Digital Television Horizon" magħrufa wkoll bħala Chelyabinsk Institute of Digital television "Horizont"	Навукова-даследчае ўнітарнае прадпрыемства "ІНСТЫТУТ ЛІЧБАВАГА ТЭЛЕБАЧАННЯ ГАРЫЗОНТ" magħrufa wkoll bħala Унітарнае прадпрыемства "ІЛТ ГАРЫЗОНТ" Унитарное предприятие "ИЦТ ГОРИЗОНТ" magħrufa wkoll bħala Научно- исследовательское унитарное предприятие "ИНСТИТУТ ЦИФРОВОГО ТЕЛЕВИДЕНИЯ ГОРИЗОНТ"	Indirizz: Kuibysheva 35-1, Minsk, 220029, Belarus Tip ta' entità: kumpanija proprietà tal-Istat Numru tar-reġistrazzjoni: 100085149 OKPO: 37406850 Data tar-reġistrazzjoni: 26.11.1991 Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Tel: 8 740 740 91 00, +375 740 740 91 00 Fax: +375 17 288 11 82 Posta elettronika: office@horizont-rnd.by, ict@dtv.horizont.by Web: https://h-rnd.by/	ICT Horizont hija kumpanija Belarussa, u wieħed mill-aktar ċentri moderni ta' teknoloġija avanzata fil-pajjiż. ICT Horizont hija waħda mill-azjendi mexxejja fl-iżvilupp u l- produzzjoni tal-elettronika speċjali fir-Repubblika tal- Belarussja. Il-kumpanija tiżviluppa u tipproduċi oġġetti speċjali u b'użu doppju, pereżempju apparat tal-viżwalizzazzjoni tal-vidjo għal vetturi blindati. ICT Horizont tikkollabora mal- Ministeru għad-Difiża tar- Repubblika tal-Belarussja fil- ħolqien u l-immodernizzar ta' tagħmir għall-eżerċizzji tal- isparar, f'konformità mar- rekwiżiti tal-Forzi Armati.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- eLENkar
58.	Horizont Holding magħrufa wkoll bħala Horizon Holding magħrufa wkoll bħala OJSC N Holding magħrufa wkoll bħala The Horizon Group of Companies	Холдынга "Гарызонт" Холдинг "Горизонт" magħrufa wkoll bħala ОАО "Н Холдинг" magħrufa wkoll bħala Группа компаний "Горизонт"	Indirizz: S. Kovalevskaya Lane, 62, room 16, 220014, Minsk, Belarus Tip ta' entità: kumpanija azzjonarja Numru tar-reġistrazzjoni: 101050240 Data tar-reġistrazzjoni: 2010 Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Post prinċipali tan-negozju: Minsk, Belarus Tel: +375 (17) 226 36 01 Fax: +375 (17) 303 76 07	Horizont Holding hija kumpanija azzjonarja Belarussa. Horizont Holding hija waħda mill-akbar azjendi u waħda mill-aktar azjendi diversifikati li qed jiżviluppaw b'mod dinamiku fir- Repubblika tal-Belarussja, li tkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' negozju. Ġiet deskritta bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-industrija ta' Minsk. Il- proġetti ta' Horizont Holding qed jiġu implimentati fuq l- istruzzjonijiet ta' Aliaksandr Lukashenka. ICT Horizont hija parti minn Horizont Holding. ICT Horizont hija waħda mill-azjendi mexxejja fl-iżvilupp u l-produzzjoni tal- elettronika speċjali fir- Repubblika tal-Belarussja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
			Posta elettronika: info@h- tv.by Web: https://h-tv.by/ , https://h-holding.by/ Entitajiet assoċjati: ICT Horizont Individwi assoċjati: Yuri Ivanovich Predko	Il-kumpanija tiżviluppa u tipproduċi oġġetti speċjali u b'użu doppju, pereżempju apparati tal-viżwalizzazzjoni tal- vidjo għal vetturi blindati. ICT Horizont tikkollabora mal- Ministeru għad-Difiża tar- Repubblika tal-Belarussja fil- ħolqien u l-immodernizzar ta' mudelli ta' tagħmir għall- eżerċizzji tal-isparar f'konformità mar-rekwiżiti għat-taħriġ ta' formazzjonijiet u unitajiet militari tal-Forzi Armati.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				Barra minn hekk, ICT Horizont tiegħi sehem fil-programm xjentifiku-tekniku "Intelavto" tal-Istat tal-Unjoni (Russja u l-Belarussja), li għandu l-għan li jgħid komponenti u sistemi diġitali u elettroniċi ta' teknoloġija avvanzata għal vetturi tat-trasport speċjali u b'użu doppju. Il-programm għe approvat mill-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Belarussja. Għaldaqstant, Horizont Holding qed tappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. Barra minn hekk, hija assoċjata ma' ICT Horizont, li tiffirma parti mill-kompless militari u industrijali tal-Belarussja, inkluż billi hija involuta fl-iżvilupp ta' teknoloġija u ta' tagħmir militari.	